**TRIBUNAL INDUSTRIJALI**

**Deċiżjoni Nru 2983**

**Illum: 19 ta' April 2024**

**Chairman: Sur Joseph Gerada**

**Każ: 4265/JG**

Fil-kwistjoni tax-xogħol

Bejn

**Andreas Arnaoutis (Cypriot ID: 1028601)**

**VS**

**Smartlynx Airlines Malta Limited (C90013)**

*dwar: allegazzjoni ta' tkeċċija inġusta mill-impjieg*

It-tribunal ra l-eċċezzjoni preliminarja fir-rikors ta' l-esponenti soċjetà Smartlynx Airlines Malta Ltd (C 90013) data 24 ta' Jannar, 2024 u l-aggravju li skond is-soċjetà ma inħatarx mandatarju mill-attur Andreas Arnaoutis meta kellu jagħmel dan,

Sema' l-argumenti tas-soċjetà dwar l-istess aggravju,

Sema' l-argumenti kuntrarji tar-rikorrenti,

Jiddikjara li ;

1. L-kap 452 75 (2) (3) jelenka il-metodu ta' kif għandu jiġi preżentat każ ta' tkeċċija nġusta quddiem it-Tribunal liema metodi kienu osservat mir-rikorrenti,

2. L-kap 452 78 (2) (3) jagħti d-dritt lit-Tribunal biex jirregola proċedura tiegħu stess u dan jagħmlu billi jieħu ħsieb li jiżgura li l-ġustizzja ssir skont il-merti u tas-sustanza tal-każ u bla ħsara għar-regoli tal-ġustizzja naturali,

3. Ir-rappreżentant tar-rikorrenti Dr Christine Calleja iddikjarat ċar fl-atti li hi assumiet ir-responsabiltà kollha bħala mandatarju tar-rikorrenti għal fini tal-liġi fil-każ li dan ikun meħtieġ,

Ifakkar li t-Tribunal min-natura tal-ħidma tiegħu għandu jkun flessibbli biex l-ekwita' tkun assigurata,

Għalhekk it-Tribunal jiddeċiedi li jiċħad it-talba tas-soċjetà għan-nullita' tal-każ u jkompli bil-każ.

**(iffirmat)**

**Joseph Gerada**

**Chairman** **Vera Kopja**